**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru.377/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Vella)**

**-vs-**

**Stephen Borg detentur tal-karta tal-identità bin-numru 155778M**

*Illum: 12 t'Awissu, 2022*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Stephen Borg** u ċioe talli:[1]

F'xi ħin fil-lejl ta' bejn 08 ta'Ġunju 2018 u id-09 ta'Ġunju 2018 minn ġewwa Triq Dun Ġużepp Gonzi u/jew f'dawn il-gżejjer;

1. Ikkommetta serq ta' van tal-għamla Mazda, bin-numru tar-reġistrazzjoni LDA621 għad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID: 555577M minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravata bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 265,270,271(g),278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' għodod u/jew oġġetti oħra u ċioe' diversi għodod għad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID: 555577M minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur tal--Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 265, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.257-259

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe' ħsara fuq il-vettura tal-għamla Mazda, bin-numru tar-reġistrazzjoni LDA621 liema ħsara tammonta għal mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2500) iżda hija iktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250) għad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID:555577M minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bi ħsara tas-sid, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta'qabel ta' dan l-artikolu u lanqas banda oħra f'dan il-kodiċi għad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID:555577M minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'serq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

6. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat, Dr. J .Demicoli LL.D.) b'digriet datat 25 ta' Settembru, 2014 u li permezz tagħhom hu ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

7. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 25 ta' Settembru, 2014 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Stephen Borġ kif ukoll, li tordna li l-ammonti kolla kemm depożitati u kemm f'garanzija personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta'Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;

8. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat, Dr. C. Peralta LL.D.) b'digriet datat 22 ta' Lulju 2015 u li permezz tagħhom hu ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

9. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 22 ta' Lulju 2015 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Stephen Borg kif ukoll, li tordna li l-ammonti kolla kemm depożitati u kemm f'garanzija personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikoli 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali (Maġistrat, Dr. A. Micallef Trigona LL.D.) b'digriet datat 28 ta' Mejju 2013 u li permezz tagħhom hu ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

11. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta'ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 28 ta' Mejju 2013 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Stephen Borġ kif ukoll, li tordna li l-ammonti kolla kemm depożitati u kemm f'garanzija personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta'Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;

12. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta'sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali fl-04 ta'Marzu 2015 ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenza għadha fiż-żmien operattiv.

13. U b'hekk irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

14. Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta'ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Lulju, 2021, permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[2]

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 334(a), 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
- Fl-Artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
- Fl-Artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
- Fl-Artikoli 28A, 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[2] Fol.387

- Fl-Artikoli 15A, 17, 20, 23, 31, 49, 50, 289, 382A, 383, 384, 385, 386, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[3]

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

L-Ispettur investigattiv **Chantelle Casha** spjegat kif fis-6am tad-9 ta' Ġunju, 2018, ċertu Gaetano Farrugia rrapporta l-għassa ta' Raħal il-Ġdid li l-van tiegħu, Mazda bin-numru LDA621 li kien mgħobbi b'kemm jiswew 25,000 Ewro għodda, kien naqas minn Triq Dun Ġużepp Gonzi, Ħal-Tarxien. Xi 7.30am daħħlet informazzjoni mill-għassa taż-Żejtun li kuntistabbli mis-sezzjoni tal-RIU lemaħ individwu jħott għodda mill-van li kien irrapportat nieqes. Miegħu kien hemm mara, Antonella Vella. Malli wasslu pulizija fuq il-post ir-raġel, sussegwentement identifikat bħala **l-imputat, daħal fil-van w ipprova jsuq bih iżda PC841 irnexxielu jeħodlu iċ-ċwievet mill-*ignition* u arrestaħ**. Filwaqt li l-mara ġiet arrestata, l-imputat <u>inżamm fil-van sakemm l-għodod kollha ndikati bħala nieqsa nstabu</u>. L-għodda instabet go **kamra li c-ċavetta tagħha kienet mal-mazz ċwievet ta' Borg**, liema ċwievet ġew esibiti mill-Ispettur Casha.[4] L-għodda tgħabbiet lura fil-van li ttieħed lura mis-sid fuq struzzjonijiet tal-pulizija. Borg ittieħed Mount Carmel għall-kura w ngħata l-*police bail*.[5] Ittemm ix-xiehda tagħha b'osservazzjoni rilevanti li timpinġi fuq il-kredibbilita` tal-imputat u senjatament fuq ix-xiehda *viva voce* tiegħu: *"mal-mazz taċ-ċwievet li ġie preżentat kien hemm ukoll <u>żewġt ċwievet oħra</u>*[6] *...fil-mazz...kellhom jiġu maqlugħin mill-mazz għar-raġuni li <u>huma tal-propjetà fejn jgħixu Stephen Borg u l-partner tiegħu</u> Antonella Vella<u> li kienet ukoll preżenti fuq il-post fil-ħin tal-inċident liema ċwievet kellna nuzawhom biex nifthu d-dar tar-residenza fejn jabitaw</u> huma li ħa jiġu preżentati mal-kumplament."*[7]

**Tajjeb jiġi osservat li tul dawn l-proċeduri, Borg jibqa' ma joffri ebda spjegazzjoni kif ċavetta ta' van misruq instabet fil-mazz ċwievet tiegħu li magħhom kien hemm ukoll dawk tad-dar residenzjali tiegħu!**

---

[3] Fol.394
[4] **Dok.CC6**
[5] Fol.24-26
[6] **Dok.CC7**
[7] Fol.27

L-ispettur tkompli li wara li Borg ġie ċċertifikat li kien *medically fit for interrogation* mill-Konsulent Psikjatriku Dr. David Mamo, ġie interrogat mill-uffiċjal prosekutur[8] Riprodotta tippreċiza li meta ġie arrestat Borg bil-kemm *"felaħ jitkellem, rasu baxxuta kien u għajnejh magħluqin."*. Ġie meħud Mater Dei u wara saret taf li anke ntbagħat Mount Carmel. Kien biss meta ġie ċċertifikat li seta' jiġi nvestigat, li bagħtet għalih u fl-istess jum tressaq il-Qorti.[9]

Mill-**Current Incident Report** irriżulta wkoll li id-derubat Farrugia kellu biss ċavetta waħda tal-van.[10] PC408 kien għadu kemm spiċċa n-*night duty* u meta kienu xi 7.20am u kien fi triqtu lejn id-dar, innota l-van rapportat misruq fi Triq il-Ħerba, Żejtun. Spjega ***"jien innutajat persuna maskili li kienet qed tħott xi għodda minn ġewwa van".***[11] Ir-rapport jiddeskrivi wkoll li wara li saret tfittxija f'kamra fi Triq il-Ħerba kantuniera ma Triq Emidju, Żejtun fejn *"kien hemm parti mill-għodda li kien hemm ġewwa l-van u li kienet diġà ippustjata fuq l-ixkaffef u fil-ġenb ta' din il-kamra."* Sid il-van mar fuq il-post w identifika l-van u l-għodda li kienet fil-fond.[12]**PC148 Matthew Tonna** ikkonferma dan ir-rapport.[13]

**Gaetano Farrugia** xehed kif fit-8 ta' Ġunju ipparkja l-van LDA621 quddiem id-dar tiegħu fi Triq Dun Guzepp Gonzi Tarxien, iżda meta ħareġ l-għada filgħodu il-van ma sabux. Kien għalhekk li għamel rapport l-għassa. Jixhed li *"Il-van kien mimli bl-għodda għax naħdem bih....****L-ammont tal-valur kollu kien bejn għoxrin, ħamsa u għoxrin elf euro għodda".*** Aktar tard kellmuh il-pulizija w għarfuh li l-van u l-għodda nstabet tant li ikkonferma dan kif ukoll li l-għodda kollha ġiet ritornata lilu.[14] Issemmi li nsteraqlu *pendrive* u *mobile* kif ukoll li l-van instab b' daqqa żgħira fuq wara.[15]

**PS1258 Carmel Debattista** beda biex jagħti dettalji dwar ir-rapport li sar l-għassa ta' Raħal il-Ġdid, fejn hu stazzjonat, minn Gaetano Farrugia.[16] Fis-7.20am ġie nfurmat li PC408, li kien spiċċa min-*night duty* u kien sejjer bil-mixi id-dar innota n-*number plate* tal-van u xi ħadd iħott l-affarijiet minnu ġewwa ż-Żejtun. Hu stess mar fuq il-post u sab lill-imputat li jafu bħala 'l-Mellieħi' mas-sieħba tiegħu, Antonella Vella. *"Minn hemmhekk saret search fil-kamra...fejn* ***kien hemm parti mill-għodda li kien diġà ħatt minn ġol-van."*** Fuq il-post ssejjaħ sid

[8] Fol.59-61. Vide **Dok.CC5** a fol.34
[9] Xiehda 6 ta' Lulju, 2022
[10] **Dok.CC4** a fol.32
[11] Fol.33
[12] Fol.33
[13] Fol.134-135
[14] Fol.35-36
[15] Fol.37
[16] Fol.131

il-van fejn identifika l-van u l-għodda.[17] Minn tfittxijiet instabu għodda w affarijiet relatati ma xogħol ta' *mechanic "fejn parti minn din **l-għodda kien diga nizzilha** fejn hemm giext ikmamar ….li hu beda jghid li kien **jghix fihom"**.* Fil-presenza tiegħu Farrugia identifika l-għodda *"fil-fatt **daħħalnih anke fil-premises** biex jibda jidentifika x'kien u ma kienx tiegħu"*. Il-van u l-għodda ġew ritornati lil Farrugia.[18]

**PC408 Floyd Duca** spjega kif wara li spiċċa minn *night duty* u kien għaddej minn Triq il-Ħerba, Żejtun, hemm lemaħ individwu iħott għodda minn van abjad Mazda LDA621 li l-pulizija kienet ġiet infurmata bis-serq tiegħu minn Ħal-Tarxien wara messaġġ mill-*Control Room*. Mar-raġel kien hemm mara. Hu informa b'dan lil *Control Room* u ftit tal-ħin wara wasslu fuq il-post uffiċjali mill-għasses taż-Żejtun u Raħal il-Ġdid flimkien ma membri tal-Rapid Intervention Unit. Uffiċjali mill-għassa taż-Żejtun *"waqfuh lil dan l-individwu li **kien qiegħed iħott l-għodda mill-van, ħadulu ċ-ċavetta minn ġol-vann**"* u ħaduh l-għassa ta' Raħal il-Ġdid. Dan ir-raġel li **għarrfu bħala l-imputat** *"minn fejn kien qiegħed ipparkjajt daħal ġol-van u **kien qiegħed jirriversja dak il-ħin"*** iżda dak il-ħin wasslu l-pulizija mill-għassa taż-Żejtun.[19]

**PC841 Raymond Mallia** irrakkonta kif wara informazzjoni li rċevew il-pulizija, marru fi Triq il-Ħerba *"kien hemm van kien qed isuqu b'lura. **Morna niġru u nara lil Stephen Borg qed jirriversja b'lura. Jien qbadt, ħadtlu c-ċwievet ghax kien ha jaħrab,** tfejtlu l-van insomma ghidtlu inzel minn hemm hadtu mal-hajt, qalli ejja nippruvaw nirranġaw xi haġa....Qalli nippruvaw nirranġaw xi haġa u kellu mazz ċwievet bil-katina twila"*. Ix-xhud identifika il-mazz ċwievet esibiti.[20] bħala ċ-ċwievet li għamel riferenza għalihom u speċifika li n-numru tal-van kien LDA621.[21]

**PC411 Keith Buttigieg** mill-Għassa taż-Żejtun spjega kif intalbet l-għajnuna mill-għassa ta' Raħal il-Ġdid biex tingħata għajnuna fuq van misruq fi Triq il-Ħerba, Żejtun, biex ma jitħalliex jitlaq minn fuq il-post. Ikompli *"jiena u kollega tieghi PC841 morna fuq il-post u ezatt kif wassalna nofs ta' triq ilmahna van bin-number plate LDA621 fejn dan **kien qieghed jipprova jirriversja l-van lura**. Jiena-u l-kollega tieghi grejna ghal fuq il-van fejn il-kollega tieghi **hadlu c-cwievet u jien ordnajtlu biex johrog mill-van**."* Identifika lill-imputat bħala l-persuna li kien fil-van.[22]

---

[17] Fol.62-63
[18] Fol.132
[19] Fol.39-40
[20] **Dok.CC6** a fol.23
[21] Fol.42-44
[22] Fol.128-129

**PS336 Francesco Imbroll** u **PC959 Daniel Formosa** esebew ir-relazzjoni tagħhom li tinkludi teħid ta' ritratti, eżamijiet għall-impronti diġitali w elevar ta' żewġ kampjuni għall-fini ta' DNA.[23] Minn dan ir-rapport jirrizulta li nstabu marki ta' impronti diġitali w palmari kif ukoll li ttieħdu kampjuni għad-DNA *analysis* minn fuq il-*gearknob* u *steering wheel* tal-vettura LDA621.[24] L-impronti li ġew elevati ma qablux ma dawk tal-imputat.[25] L-analiżi tad-DNA minn Dr. Marisa Cassar ukoll tgħat riżultat li kien inkonklussiv.[26] **Dr. Steven Farrugia Sacco** ippreżenta rapport flimkien ma *stills* li nħarġu minn *cctv* ppreżentat mill-Ispettur Casha.[27] Tali *stills* ma jixħtu l-ebda dawl fuq il-mertu ta' dawn il-proċeduri.

**Gertrude Scerri** in rappreżentanza ta' Mater Dei esebiet il-*medical file* tal-imputat minn fejn jirrizulta li fid-9 ta' Ġunju, 2018 Borg iddaħħal l-emerġenza *"15:58 ref for ? OD heroin"*.[28]Imbagħad **Oswald Balzan** jixhed li Borg ġie OD u kien *admitted* Mount Carmel fl-14 ta' Ġunju, 2018 minn fejn ġie rilaxxat għall-Ħabs fid-19 ta' Ġunju, 2018.[29]

Dawn id-dettalji assolutament ma jinċidu bl-ebda mod fuq il-mertu tal-akkużi u ċioe is-serq pperpetrat minn Borg! Meta ġie interrogat hu kien ġie ċertifikat li kien *fit for interrogation*.[30] Tajjeb jiġi innotat ukoll li meta ittieħed Mount Carmel ibati minn *overdose* dan kien fl-14 ta' Ġunju, 2018, ħamest ijiem wara is-serqa.

Ikkunsidrat,

Għalkemm il-prosekuzzjoni ressqet xiehda w evidenza biex tipprova soddisfaċentement il-każ tagħha, kienu l-istqarrijiet u x-xiehda tal-imputat li jkomplu jissiġillaw il-każ tal-prosekuzzjoni.

It-taħwid ta' verżjonijiet, mhux biss dik li tirriżulta bejn l-istqarrija u x-xiehda *viva voce* iżda tul l-istess stqarrija jew xiehda, jimmillitaw kontra li l-imputat jingħata farka ta' kredibbilita. Il-gideb tiegħu huma sfaċċati tant li f'waqtiet tant jagħmel dikjarazzjonijiet ridikoli li kważi jwasslu lil Qorti tissuspetta kliemu huma ntizi unikament biex jinsulentaw l-intelligenza tal-qorti w tal-partijiet aktar milli biex jagħmel id-difiża tiegħu!

---

[23] Fol.80-81. Rapport **Dok.FI1**a fol.82 et seq.
[24] Fol.84-85
[25] Fol.165-166. Rapport **Dok. JM1** a fol.167 et seq
[26] Fol.265-266. Rapport **Dok.MC** a fol.267-269
[27] Verbal tas-7 ta' Diċembru 2018. CCTV esibit bħala **Dok.CP3** a fol.160
[28] Xiehda seduta 6 ta' Lulju. 2022. **Dok.GS**
[29] Fol.517 et seq
[30] Fol.59-61. Vide **Dok.CC5** a fol.34

Stqarrija

1. Fl-interrogazzjoni tiegħu Borg jikkonferma li kien jabita ma Vella sa minn sitt snin qabel[31] u jiċħad li seraq il-van. Jagħti spjegazzjoni li tisfida l-loġika meta għal bidu jgħid li hu w Vella kienu fi triqthom lejn Ħal-Qormi fejn hemm iltaqaw ma persuna *"u kien ha jwassalna ghand it-tabib biex jehodna il-mistura. Ghadejna iż-Żejtun niehdu id-droga u sa hemm niftakar jiena. Naf li mar jixtri u halla kollox hemm voldiri." Jiftakar li marru z-Żejtun xi 8am (meta PC408 cempel l-ghassa fil-7.20am) u qabel Antonella marret il-clinic ta' Raħal il-Ġdid iġib il-labar.*[32] *Wasslu z-Żejtun minn dan ir-raġel li "Ma nixtieqx insemmi min hu".*[33]

Madankollu sekondi wara jbiddel l-istorja, jinsa li għadu kemm semma Ħal-Qormi u jistqarr li kienu xi 7.45am meta ***"Propja Antonella giet ghalija ma haddiehor***[34]***....Jien Antonella giet ghalija****....il-van startjat* ***gew*** *bih"*[35]. Ghalhekk hawn iddaħħal l-istorja persuna oħra li suppost, flimkien ma Antonella, għaddew għalih id-dar fejn hu jgħix ma Antonella. Kif Antonella telqet qabblu w spiċċat ma dan ir-raġel jibqa' ma joffri ebda spjegazzjoni għaliha!

Din il-verżjoni ċertament m'għandhiex mis-sewwa għaliex PC408 Duca interċettah iż-Żejtun fis-7.20am meta daħħlet it-telefonata tiegħu għall-assistenza. **[36]**

2. Meta jixhed *viva voce* il-verżjoni terġa tinbidel u jerġa jgħid li kien ma Antonella meta ċemplu lil ċertu Renald Baldacchino biex iġibilhom id-droga. Peress li Baldacchino ma setgħax jaqdihom bagħtlu lil xi ħadd biex iwassallu d-droga id-dar il-Fgura, iżda Borg talab lil dan is-Samaritan li kien bil-van misruq iwassalhom iż-Żejtun u dan aċċetta w ħadhom il-kamra ta' Borg.[37]

Ċertament ma għandux mis-sewwa li bniedem joqgħod jiġri fit-triq b'van misruq; li jużah daqslikieku xi servizz bhal Bolt/Wolt għall-*home deliveries* ta' droga! Iżda mhux biss, għax imbagħad ikun hemm *uprade* fis-servizz u jagħti *taxi service*! **Assurdita` liema bħala!**

3. Inkonsistenza oħra hi li fil-bidu tal-istqarrija jgħid li kienu sejrin lejn Ħal-Qormi għand it-tabib għall-mistura, dan meta l-mistura tittieħed mid-Detox Centre li jinsab Gwardamanġa. Meta jixhed jagħti verżjoni oħra, id-droga inġabitlu d-dar fil-Fgura wara li bagħtilu Renald.

---

[31] **Dok.CC3** a fol.17 et seq

[32] Fol.17

[33] Fol.18A

[34] Fol.18

[35] Fol.18A

[36] Fol.33

[37] Fol.427-428

4. Il-ħrafa tissokta hekk kif donnu jinsa li hu talab lil dan ir-raġel jwasslu ż-Żejtun biex imur fil-kamra jikkonsma u jgħid li hu ***"ġejt OD gol-van"***.[38]

Id-doża tal-inkreddibli tiżdied meta jixhed li s-sewwieq tal-van misruq, iddeċieda jmur jixtri w ħallihom waħedhom bil-van.[39] B'din id-dikjarazzjoni jintwera kif l-imputat ma jafx ma jigdibx u jxejjen il-verżjoni tiegħu stess li talab lil dan l-injot iwasslu ż-Żejtun biex jikkonsma d-droga hemm *"konna niehdu go fiha"*[40]. Ma jagħmilx sens li d-droga imbagħad ħadha fil-van u spiċċa f'*overdose.*

5. Anke hawn titnissel verżjoni oħra. Issa jallega li x-xufier tal-van sparixxa *"ghax kif gejt OD sparixxa hu, u halla l-van hemm u telaq 'l hemm...hallini go fih il-van u telaq".*[41]

6. Dan meta sekondi qabel jixhed li dan il-proxxmu kien qalilhom li sejjer jixtri qabel ma telaq l' hemm "u qalli *"Ha mmur nixtri jiena",".*[42]

Jiġi osservat li f'din l-aħħar verżjoni li għandha mill-fantaxjenza, l-figura ta' Antonella tisparixxi flimkien mas-sewwieq fantażma w ikompli "*Ghax forsi haseb li miet jien hux, ghalhekk hallini hemm.....ghalhekk hallini hemm, flok hadni ramini x'imkien".*[43]

F'din il-verżjoni jinsa li qabel semma kif miegħu kien hemm Antonella, dik li suppost – f'verżjoni minnhom għaddiet għalih max-xufier! F'din il-verżjoni, dan ix-xufier li jwassal id-droga għal Baldacchino, kien lest iħalli warajh van misruq b'żewġ persuni fih. Ħsibijiet ulterjuri jkunu superfluwi iżda jingħad biss li anke ħrejjef ta' tfal jagħmlu aktar sens.

7. Borg imbagħad jidħol fi sqaq ieħor li joħloq għalih bil-giddeb tiegħu meta jinsa li ġie interċettat iħott l-għodda u *"Le żgur li ma pruvajtx insuqu il-van....jien ma srqatx van .......lili ma rani hadd żgur inhott l-ghodod ghax ma hattejtx ghoddod"*.[44]

Jerġa *"Le mhux vera ma sabuniex nhott l-ghodda jiena...L-ghodda li kien hemm gol-kamra, dik tieghi, mhux tiegħu"*. Lanqas ma jiftakar li malli lemaħ il-pulizija ġera lejn il-bieba tal-vann biex jaħrab minn fuq il-post *"Ma niftakarhiex dik jiena".*[45]

---

[38] Fol.429
[39] Fol.429
[40] Fol.430
[41] Fol.433
[42] Fol.428
[43] Fol.447
[44] Fol.18A
[45] Fol.448

Verżjoni li tikkontrasta ma dik ta' PC408. Tant hu minnu dak li jixhed il-kuntistabbli li malli Borg ra il-pulizija li wasslet biex tassisti lil PC408, l-uffiċjali PC411 u PC841 kellhom joħdulu ċ-ċwievet mill-van biex ma jaħrabx minn fuq il-post għax ipprova jħalli x-xena billi jirriversja l-barra.

Borg jikkonferma li l-mazz ċwievet li nstab mal-*ignition* kien tiegħu iżda mhux iċ-ċavetta li kienet fl-*ignition* tal-van: ***"Il-mazz tieghi, dik ic-cavetta le"!***[46] Jibqa' ma jagħti ebda spjegazzjoni kif van, li suppost idobba *lift* bih mingħand raġel ma jafux, spiċċa bl-unika ċavetta li Farrugia kellu tiegħu mqabbda mal-mazz ċwievet tal-imputat! Dwar il-fatt li din kienet l-unika ċavetta tal-van li d-derubat kellu, issir riferenza għall-**current incident report** li fih jingħad li Farrugia *"stated that he had no spare key because when he bought it the previous owner gave him only one key".*[47] Borg jibqa' ma joffrix spjegazzjoni dwar minn fejn nġiebet iċ-ċavetta li kien hemm *fl-ignition* tal-van.[48] Jammetti li l-kamra li fiha nstabet l-għodda misruqa kienet ilha għandu xi sentejn bil-kera. Jinsisti li kien fil-kamra mhux biex iħott għodda iżda biex jieħu d-droga *"ma nafx niehu wahdi irrid minn nies biex niehu u mort ma Antonella u ma dan il-bniedem biex tiehu."* Flus fuqhom ma kellhomx u *"Nahseb l-iehor gab kollox".*[49]

Borg ikompli li sid il-van ħadlu anke għodda li kienet tiegħu.[50] Jisħaq li tressaq dwar din is-serqa anke meta ma kienx hemm *fingerprints* tiegħu fi-vann jew *cctv footage.* Ma jiftakarx jekk kienx fuq is-*seat* tal-passiggier jew dak tax-xufier għaliex ma kienx f'siktu *"Ma nafx fejn kont ghax qed nghidlek, bl-ambulanza mbghad haduni jien".* [51] Madanakollu l-pulizija li xehdu kollha qabblu li kien qed isuq il-van w għalhekk ixxejnu dak li jgħid l-imputat.

8. Borg jibqa' ma jistax jagħti spjegazzjoni għall-fatt li mal-mazz ċwievet tiegħu *"Il-mazz tac-cwiebet tieghi dawk",* kien hemm ukoll iċ-ċavetta tal-van li saħansitra kienet gol-*ignition*.[52]

9. Isib diffikultà jispjega kif pulizija li waslu fuq il-post rawh iħott l-għodda mill-van għall-kamra tiegħu.

---

46 Fol.19
47 Fol.32
48 Fol.18
49 Fol.18A
50 Fol.429-430
51 Fol.431
52 Fol.433

10. Daqstant ieħor jiċħad li meta lemaħ lill-pulizija ġera għal fuq is-*seat* tax-xufier biex jipprova jitlaq mill-post u dan wasal sabiex il-pulizija neħħilu ċ-ċwievet mill-*ignition*, fatti li xehdu dwarhom l-uffiċjali tal-pulizija![53]

Hu propju dak li jiġri lil min jipprova jaħbi l-verità; aktar ma jipprova jinħall mill-kobba li jkun niseġ għalih bil-gideb u ħrejjef li jivvinta, aktar jitgħaqqad fiha!

L-ewwel u t-Tieni imputazzjoni: Serq

Ikkunsidrat ukoll,

Ix-xiehda konsistenti w korroborativa tad-diversi uffiċjali w senjatament ta' PC841 u PC411 kif ukoll PC408, li kien minn tal-ewwel li lemaħ il-van misruq u lill-imputat iħott l-għodda u joħdohom go kamra li Borg stess jammetti kienet bil-kera għandu, tiddistingwi ruħha ma dik tal-imputat li hi magħmula minn kontradizzjoni waħda wara l-oħra, dettalji li jinbidlu minn minuta għall-oħra u li ċertament tant hi insensata li anke hu stess jitfixkel u jitħawwad fid-dettalji.

Il-Qorti semgħet it-testimonjanza tad-diversi uffiċjali, ilkoll xiehda okulari, tal-imputat iħott l-għodda w li malli rahom ipprova jaħrab minn fuq il-post.

a) Kienu 7.20am meta PC408 kien fi triqtu lejn id-dar, innota l-van rapportat misruq fi Triq il-Ħerba, Żejtun. Spjega *"jien innutajat persuna maskili li kienet qed tħott xi għodda minn ġewwa van"*.[54] B'hekk sejjaħ għall-assistenza.

b) Malli wasslu pulizija Borg daħal fil-van w ipprova jsuq bih biex jahrab minn fuq il-post iżda **PC841 irnexxielu jeħodlu iċ-ċwievet mill-*ignition*** u arrestaħ.

c) L-għodda instabet go kamra li c-ċavetta tagħha kienet mal-mazz ċwievet ta' Borg. Iċ-ċavetta tal-vann li kienet fl-*ignition* ukoll kienet mal-istess mazz. Għal dan il-van kien hemm biss ċavetta waħda.[55]

d) PS1258 Carmel Debattista spjega li fil-kamra il-pulizija rat li l-għodda li s-sid kien ħalla fil-van kienet ġa bdiet tiġi ppustjatha *fuq l-ixkaffef u fil-ġenb ta' din il-kamra...,* ***kien hemm parti mill-għodda li kien diġà ħatt***

[53] Fol.444
[54] Fol.33
[55] Vide **Current Incident Report** a fol.32

***minn gol-van."***[56] Sid il-van mar fuq il-post w identifika l-van u l-għodda li kienet fil-fond.[57]

e) PC408 Duca jixhed kif pulizija li wasslu fuq il-post wara li ċempel għall-assistenza *"waqfuh lil dan l-individwu li* ***kien qiegħed iħott l-għodda mill-van, ħadulu ċ-ċavetta minn ġol-vann****"* . L-imputat x'ħin ra lill-pulizija *"minn fejn kien qiegħed ipparkjajt daħal gol-van u* ***kien qiegħed jirriversja dak il-ħin"***[58]**.**

f) PC841 Raymond Mallia ikompli: *"kien hemm van kien qed isuqu b'lura. Morna niġru u nara lil Stephen Borg qed jirriversja b'lura. Jien qbadt, hadtlu c-cwievet ghax kien ha jahrab, tfejtlu l-van insomma ghidtlu inzel minn hemm hadtu mal-hajt, qalli ejja nippruvaw nirranġaw xi haġa....Qalli nippruvaw nirranġaw xi haġa u kellu mazz ċwievet bil-katina twila"*.[59]

g) PC411 Keith Buttigieg ukoll jiddeskrivi kif *"jiena u kollega tieghi PC841 morna fuq il-post u ezatt kif wassalna nofs ta' triq ilmahna van bin-number plate LDA621 fejn dan kien qieghed jipprova jirriversja l-van lura. Jiena u l-kollega tieghi grejna ghal fuq il-van fejn il-kollega tieghi hadlu c-cwievet u jien ordnajtlu biex johrog mill-van."* Identifika lill-imputat bħala l-persuna li kien fil-van.[60]

h) Borg jammetti li *"Il-mazz tac-cwiebet tieghi dawk"*. Issa kif ingħad ma dak il-mazz kien hemm iċ-ċwievet tal-kamra taż-Żejtun kif ukoll iċ-ċavetta tal-van li l-pulizija neħħew mill-*ignition*.[61]

i) Sussegwentement id-derubat Gaetano Farrugia ikkonferma l-għodda w il-van bħala dawk li kien irrapporta bħala misruqa.

Altru li Borg kien qed isuq il-van misruq u li seraq l-għodda li wara kollox parti minnha nstabet fi propjetà tiegħu wara li dan anke ntlemaħ iġorrhom mill-van lejn il-kamra imsemmija!

Huma eżempji simili li jimminaw il-kredibbilita tiegħu w ta' dak kollu li xehed dwaru quddiem il-Qorti. Hu propju dak li jiġrilu min jigdeb għaliex jidħol fi sqaq li jkun bena hu bil-ħolm u fabbrikazzjonijiet ta' moħħu li jirrenduħ inkapaċi li jagħmel sens jew li jkun marbut mas-sens komun.

[56] Fol.62-63
[57] Fol.33
[58] Fol.39-40
[59] **Dok.CC6** a fol. 23
[60] Fol.128-129
[61] Fol.433

**P.L. Mario Buttigieg** stima l-van in kwistjoni fl-ammont ta' **1,700 Ewro**[62] u l-għodda bil-*wear and tear* għall-ammont **ta' 7,795 Ewro**.[63] Dawn l-ammonti jerġa jikkonfermahom meta ġie riprodott.[64]

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni pruvat il-każ tagħha dwar serq sal-grad rikjest. B'dan illi ma ġiex pruvat l-aggravju tal-mezz iżda biss dak tal-valur, tal-ħin u tax-xorta tal-haġa misruqa.

<u>It-Tielet Imputazzjoni: Ħsara Volontarja</u>

Id-derubat Farrugia jixhed *"Ghandu daqqa zghira wara l-van…jien mhux ha noqghod infitex id-daqqa li gahndhi zghira wara"*.[65]. B'din id-dikjarazzjoni fejn ma ġiex pruvat l-ammont tal-ħsara w magħdud ma' dak li jipprovdi t-tieni *proviso* għall-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali,[66] ma tistax tinstab ħtija fuq din l-imputazzjoni.

<u>Ir-Raba Imputazzjoni: Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali</u>

Jeżisti l-konkors formali bejn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet u r-raba imputazzjoni. Għaldaqstant tapplika l-piena l-aktar severa, dik għas-serq.

<u>Il-Ħames Imputazzjoni: Riċettazzjoni</u>

Din l-imputazzjoni ingħatat bħala imputazzjoni alternattiva għar-reat ta' serq li dwaru qed tinstab ħtija. Għalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

---

62 Vide ukoll fol.342 meta l-espert ġie riprodott.
63 Fol.223. Rapport **Dok.MB1** a fol.225 et seq
64 Seduta 6 ta' Lulju, 2022
65 Fol.37
66 Iżda wkoll fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*ċ*) u (*d*), ħlief meta il-ħsara tkun magħmula fi proprjetà pubblika, proċedimenti jistgħu jittieħdu biss bil-kwerela tal-parti offiża:

Ksur tal-Kundizzjonijiet dwar Ħelsien mill-Arrest: Imputazzjonijiet Nru. 6-11

**Deandra Zerafa** għar-Reġistratur tal-Qrati xehdet li apparti din il-kawża l-imputat kellu żewġ proċedimenti pendenti, wieħed istitwit fl-2012 quddiem il-Maġistrat Dr. N. Galea Sciberras u ieħor quddiem il-Maġistrat Dr. J. Demicoli istitwit fl-2019.[67]

Bl-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, l-imputat hu adebitat li kiser il-kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest mogħtija mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli nhar il-25 ta' Settembru, 2014[68] (imputazzjoni nru.**6** u 7), dawk mogħtija mill-Maġistrat Dr. Carol Peralta nhar it-22 ta' Lulju, 2017[69] (imputazzjoni **8** u 9) kif ukoll dawk mogħtija mill-Maġistrat Dr Antonio Micallef Trigona nhar it-28 ta' Mejju 2013[70] (imputazzjoni **10** u 11). Rigward dawn l-aħħar sentenzi, dawn ġew ikkonfermati mill-Ispettur Fabian Fleri li jirrigwardaw lil imputat. Is-Supt Grech minn naħa tiegħu ikkonferma l-identità tal-imputat in kwantu għal dawk maħruġa mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli u l-Maġistrat Dr. Carol Peralta.

Kif jidher mill-lista **Dok.DZ**[71], dawn il-proċeduri llum huma kollha *res judicata* peress mhumiex elenkati fl-imsemmija lista ta' proċeduri pendenti fil-konfront tal-imputat. Għalhekk il-Qorti hi prekluża milli tordna l-konfiska tal-garanzija favur il-Gvern ta' Malta jew li tirrevoka contrario imperio l-ħelsien mill-arrest mogħti permezz ta' dawk id-digrieti.

Konsegwentement qed tinstab ħtija fl-imputazzjonijiet numri 6, 8 u 10 miġjuba fil-konfront tal-imputat. F'dan il-każ għalhekk japplika l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali

Ksur ta' Sentenza Sospiża: Imputazzjoni Nru.12

Sentenza oħra esibita hi dik mogħtija mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona tal-4 ta' Marzu, 2015 fejn l-imputat ġie kkundannat għall-sentejn priġunerija sospiżi għall-erba' snin. Madanakollu din is-sentenza mhix awtentikata b'timbru tar-reġistratur u għaldaqstant ma għandha l-ebda forza probatorja.

Isegwi li l-Qorti qed tiġi prekluza milli ddaħħal fis-seħħ l-imsemmija sentenza minkejja li m'hemmx dubbju li r-reati li dwarhom qed tinstab ħtija ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiża.

---

67 **Dok.DZ** a fol.410-411
68 Fol.313-314
69 Fol.315
70 **DOK.GZ1** a fol.182-183
71 Fol.411

Reċidiva: Imputazzjoni Nru. 13

Ġiet esibita sentenza tal-Maġistrat Dr. C Stafrace Zammit tal-4 ta' Lulju, 2011 mogħtija mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit[72] li ġiet konfermata minn Franklin Calleja f'isem ir-Reġistratur tal-Qrati.[73] Tali sentenza hi *res judicata* u l-multa ta' 500 Ewro imposta ġiet konvertita f' priġunerija fit-8 t'April, 2013.[74] Helenio Galea xehed li din is-sentenza ġiet skontata fis-17 ta' Lulju, 2011.[75]Din is-sentenza ma kienitx titratta serq.

Għalhekk ma jsibux applikazzjoni l-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali iżda biss l-artikolu 49 tal-Kodiċi.

**Piena**

Ġie ikkunsidrat li diversi kienu l-uffiċjali tal-pulizija u minn Mount Carmel li ssejħu mill-abbli difiża bil-għan li jikkonfermaw kif l-imputat kien ilu snin maħkum mill-vizzju tad-droga.[76] Il-Qorti ma għandha l-ebda dubbju li l-għemil kriminuz tal-imputat kien xprunat sabiex jiffinanzja il-vizzju qerriedi tad-droga li kien jaħkmu.

Helenio Galea xehed li l-imputat qed iservi ħames sentenzi fejn qed jaħdem fil-kċina tal-ħabs u ma hemmx rapporti negattivi dwaru. Dan ukoll fattur li għandu jservi bħala konsiderazzjoni meta tiġi kalibrata l-piena erogabbli.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali voluminuza tal-imputat, in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, minn fejn m'hemmx dubbju li dan is-serq kien mezz biex ikompli jabbuża mid-droga, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż li l-oġġetti misruqa ġew ritornati lil sidhom wara li nstabu mill-pulizija. Ittieħed kont ukoll tal-fatt li l-imputat kiser tlett digrieti dwar ħelsien mill-arrest.

---

[72] **Dok.AD3** a fol.145-147

[73] Fol.365 et seq. **Dok.FC1** a fol.367

[74] Fol.379

[75] Fol.368 et seq. **Dok.HG1** a fol.370. Riprodott a fol.382

[76] Supt. James Grech a fol.237-238 u 513-514; Spettur Hubert Cini a fol.515-516; Oswald Balzan a fol. 517 et seq.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames imputazzjoni, tillibera lill-imputat minn kull ħtija w piena għall-imputazzjonijiet numru tlieta u numru tnax, u wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1), 281 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-kumplament fejn dwar l-addebitu tar-reċidiva qed tinstab ħtija biss limitatament taħt l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, u tikkundannah għall-piena ta' **tlett snin u tmien xhur priġunerija.**

<u>Kundanna għall-Ħlas ta' Spejjez Peritali</u>

Il-Qorti triq tagħmel distinzjoni bejn rapporti t'esperti preżentati in segwiti ta' ħatriet f'dawn il-proċeduri li kienu meħtieġa iżda ma wasslu għall-ebda konklużjoni w dawk il-ħatriet li *"taw riżultat fin-negattiv u allura ma servew ta' ebda utilita' għal proċess ġudizzjarju"*.[77]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel:

> 13. Illi allura għalkemm illum il-ġurnata wara l-emendi introdotti għal din id-dispożizzjoni tal-liġi permezz ta'l-Att XII tal-2005, l-kundanna għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż ma għadhiex tiddependi minn talba magħmula għaldaqstant mill-prosekuzzjoni, b'dan għalhekk illi l-Qorti dejjem għandha tipproċedi għal tali kundanna, madanakollu meta l-ħatra tal-espert ma tkun ta' ebda utilita' għal dik il-proċedura, jew meta l-konklużjonijiet tiegħu jkunu fin-negattiv, il-ħati ma għandux ikun ikkundannat għall-ispejjeż inkorsi f'dik il-ħatra.
>
> > "Illi din il-miżura tal-kundanna fit-totalita' jew f'parti, tiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-Imħallef li jkun ippresjeda l-ġudizzju fil-meritu; imma ċertament, fl-eżerċizzju ta' dina d-diskrezzjoni, il-Qorti għandha tkun gwidata minn ċerti kriterji, bħalma huma:- (a) ix-xorta u ċ-ċirkustanzi kollha tad-delitt; (b) jekk l-ispejjeż tal-perizja jkunux ta' xorta tali li kienu dejjem isiru, anki apparti l-proċess kontra l-akkużat, jew jekk jikkonnettux ruħhom anki marresponsabiltà ta' l-akkużat partikulari u ta' x'hix għandu jirrispondi; (c) jekk il-prova peritali kienetx assolutament neċessarja, jew setgħetx ma ssirx, jew issir aktar ekonomikament, kwante volte kien hemm xi estensjoni mhux tant ġustifikata ta' l-inkariku[78]"

---

[77] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Bartolo**; Per Imħallfin S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti, Onor Imħallef Joseph Zammit McKeon, Onor Imħallef Edwina Grima; Deċiża 27 ta' Jannar 2021, Att ta` l-Akkuża Nru. 4/2019

[78] IL-MAESTA' TIEGHU R-RE vs VINCENT CACCIOTTOLO; 06/04/1948 OF CRIMINAL APPEAL (INFERIOR) Volume 33F (1948), Part No. 4, Section , Page 553

Illi dan il-pronunzjament ġudizzjarju magħmul addirittura 'il fuq minn sebgħin sena ilu għadu jiswa sal-ġurnata ta' llum, bil-kriterji hemmhekk imfassla joffru linja gwida lil Qorti llum dwar il-mod kif dik id-diskrezzjoni marġinali għandha tiġi eżerċitata. .....

17. Illi allura stabbiliti dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-Qorti issa trid tara, skont it-test imfassal fid-deċiżjoni ta' Cacciattolo hawn fuq iċċitata, jekk dawn l-ispejjez humiex taxxorta tali illi dejjem għandhom isiru u jekk hemmx dak l-irbit bejnhom u r-responsabbiltà tal-akkużat għar-reat lilu addebitat. Finalment il-Qorti trid tistħarreġ jekk dawn l-ispejjeż kienux assolutament neċessarji sabiex isir l-istħarriġ ġudizzjarju li wassal għal verdett finali.

18. Illi jibda biex jingħad illi l-maġġior parti tal-esperti ġew maħtura fil-kors tal-inkjesta maġisterjali dwar l-in genere meta allura l-awtur tar-reat kien għadu injot. F'dan listadju tal-proċess investigattiv kien jinħtieġ illi dawn l-esperti jassistu lil Inkwirenti u lil pulizija fil-kors tal-istħarriġ minnhom kondott. ......Minn hawn 'il quddiem madanakollu, u anke wara li l-appellant ġie mixli fil-qorti bid-delitt tal-omiċidju, ma jidhirx illi l-akkużat eżenta lill-Prosekuzzjoni milli tipproduċi lil dawn l-esperti bħala xhieda u milli jiġu esibiti in atti r-rapporti tagħhom. Dan magħdud, madanakollu l-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm rapporti ta' esperti li ftit li xejn kellhom utilità ai fini ta' dan il-proċess ġudizzjarju. ....

19. Illi apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti trid tqies ukoll sa fejn wasslet irresponsabbiltà penali tal-appellant u ta' xhix ġie misjub ħati..... Illi allura hija il-fehma tal-Qorti, illi meta jsir il-ġudizzju dwar il-kundanna għal ħlas tal-ispejjeż peritali fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u bid-diskrezzjoni limitata mogħtija lilha mill-leġislatur, dan għandu jirrifletti il-ġudizzju dwar is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata u rresponsabbiltà' penali tagħha f'għajnejn is-soċjetà'. M'għandux il-ħati jħallas għal dak li ma huwiex responsabbli għalih.

20. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u applikati għal każ in diżamina għandu jirrizulta illi l-ħatra ta' ċertu esperti hija waħda neċessarja sabiex jiġi mibni il-qafas tal-proċess ġudizzjarju. .... L-esperti l-oħra, imbagħad, li ġew maħtura f'dan l-istħarriġ ġudizzjarju, setgħu kienu utli sabiex jiġi stabbilit min hu l-malvivent sabiex b'hekk ir-rapporti tagħhom setgħu kienu utli u setgħu ma kienux. ......Mhux biss iżda r-riżultanzi ta' dawn l-esperti kienu fin-negattiv u allura ma kienux ta' utilita' għad-determinazzjoni tal-ħtija u tar-responsabbilta' penali tal-appellant.

Tenut kont li fil-każ in deżamina l-esperti maħtura ilkoll kellhom utilità ai fini ta' dan il-proċess ġudizzjarju, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas **€1,026.95c** rappreżentanti spejjez peritali.[79]

**Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[79] F'dan il-kalkolu għandu jiġi osservat li fil-kalkoli tagħha l-Qorti mhux qed tikkundanna lill-imputat għall-ammont intir li ġie intaxxat bih mir-Reġistratur tal-Qorti, l-espert Dr. Farrugia Sacco u dan preċiżament minħabba dak li jipprovdi l-istess rapport fejn kull ma sar f'dan il-każ kienet kopja tar-rapport preżentat fi proċeduri oħra, dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonella Vella** (vide fol.195). Għaldaqstant f'dan il-każ l-imputat qed jiġi kkundannat biss għall-ammont ta' €36.30c. u mhux l-ammont sħiħ mħallas, dak ta' €249.33c.